Synod 2021 2023

For a synodal Church

communion | participation | mission

# It-Talba tas-Sinodu

## *Adsumus Sancte Spiritus*

**Ninsabu hawn quddiemek, o Spirtu s-Santu,**
**waqt li ninġabru lkoll f'ismek.**

**Kun int biss li tmexxina, ejja oqgħod fi qlubna bħal f'darek;**
**għallimna t-triq li jeħtieġ nimxu fiha**
**u wrina kif għandna nimxuha.**

**Aħna dgħajfa u midinbin; tħalliniex inġibu t-taħwid.**
**Tħallix li l-injoranza teħodna fit-triq żbaljata,**
**lanqas li l-preferenzi tagħna jinfluwenzawna f'dak li nagħmlu.**

**Agħmel li nsibu fik l-għaqda tagħna**
**hekk li nimxu flimkien lejn il-ħajja ta' dejjem**
**u ma nitbiegħdu qatt mit-triq tal-verità u minn dak li hu sewwa.**

**Dan kollu nitolbuh lilek li taħdem dejjem u kullimkien,**
**fl-għaqda mal-Missier u mal-Iben,**
**għal dejjem ta' dejjem.**
**Ammen.**